MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 91/2003/1

***L-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia bhala prokuratur tal-assenti John Cilia La Corte***

***versus***

***Giovanna Perry***

Il-Bord,

Ra r-<u>rikors</u>

Illi l-mandanti tieghu jikri lill-intimata Giovanna Perry t-terran numru wiehed u erbghin (41) Triq S. Elena, Sliema bil-kera ta' tlettax il-lira (Lm13) fis-sena bl-iskadenza li tmiss taghlaq fl-1 ta' Gunju 2004.

Illi l-intimata mhiex qed tuza l-fond ghall-iskop ta' residenza li ghalih inkera stante li abbandonat il-fond u qeghda tghix fl-isptar San Vincenz de Paule b'mod permanenti.

Illi minhabba l-istess nuqqas ta' uzu mill-intimata, qeghda ssir hsara konsiderevoli fil-fond.

Ghaldaqstant, u minhabba l-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti nomine jitlob bir-rispett kollu li dan il-Bord jawtorizzah ma jggedidx il-lokazzjoni fl-iskadenza li tmiss u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond 41 Triq S. Elena, Sliema.

Ra li l-intimata ma dehritx fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2004 u lanqas ipprezentat risposta.

Ra l-ar 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent fil-kwalita' tieghu premessa u jawtorizzah jerga' jiehu f'idejh il-fond/terran numru 41, Triq St. Elena Sliema hekk kif tigi biex tiggedded il-kirja fl-1 ta' Gunju, 2004; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------